MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2007

Appell Kriminali Numru. 158/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**John Farrugia**

**Il-Qorti**:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Farrugia talli fit-28 ta’ Awissu 2006 ghal habta ta’ 7.30am gewwa Triq Xghajra, Zabbar:

1. qal kliem fahxi li jikkonsisti f’dagha fil-konfront ta’ Maria Concetta Galea;
2. hedded bi kilem lil Maria Concetta Galea; u
3. fl-istess cirkostanzi waddab patata mhassra u pprova jhebb b’injama ghal Maria Concetta Galea b’konsegwenza li ghamel hsara fil-proprjeta` ta’ l-imsemmija Maria Concetta Galea liema hsara tammonta ghal Lm12.

Rat is-sentenza ta’ l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-12 ta’ April, 2007 li permezz taghha dik il-Qorti lliberat lill-imputat Farrugia mill-ewwel imputazzjoni “ghax mhux sufficjentement pruvata”, izda sabitu hati skond it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u lliberat lill-imsemmi John Farrugia taht il-provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ John Farrugia, minnu prezentat fit-23 ta’ April 2007, li permezz tieghu talab ir-riforma ta’ l-imsemmija sentenza, fis-sens li hu jigi liberat ukoll mit-tieni u mit-tielet imputazzjoni jew, alternattivament, li tigi inflitta fuqu “piena” anqas gravuza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-28 ta’ Mejju 2007; ikkunsidrat:

Ghalkemm mit-talba fir-rikors jidher li l-appellant qed jappella, subordinatament, anke mill-“piena” inflitta, fil-korp tar-rikors hemm biss aggravju wiehed, u cioe` li l-ewwel qorti ma kellhiex issib htija kif effettivament sabet peress li kien hemm konflitt ta’ provi kif ukoll ghaliex ma gewx pruvati l-elementi tar-reati. Skond l-appellant, dan il-konflitt hu rifless fl-incertezza ta’ l-ewwel qorti li, meta giet biex teroga l-“piena”, esprimiet ruhha fis-sens li kienet qed tiehu in konsiderazzjoni “ic-cirkostanzi kollha tal-kaz”.

Dana l-appell huwa wiehed fieragh. Wara li din il-Qorti semghet lill-unici zewg xhieda f’din il-kawza – Maria Concetta Galea u l-appellant minn jeddu – ma tara li kien hemm ebda raguni ghala l-ewwel qorti ma kellhiex temmen lil Galea u minflok temmen lil Farrugia. Ma rrizulta “ebda tahwid u verzjonijiet kontrastanti”, kif jallega l-appellant fir-rikors tieghu – hlief, naturalment, li huwa jichad dak li tghid Galea. Ir-reati jinsabu sodisfacentement pruvati. Il-kliem uzati fis-sentenza appellata ma jindikaw ebda “incertezza” da parti ta’ l-ewwel qorti, kif qed jipprova jaghti x’jifhem l-appellant.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellate b’dan li l-periodu ta’ sitt xhur jibda jiddekorri mil-lum. U peress li dana l-appell huwa wkoll

wiehed fieragh fis-sens tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 429 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-appellant ammenda ta' ghoxrin lira (Lm20), konvertibbli f'erbat ijiem detenzjoni f'kaz ta' nuqqas ta' pagament skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------